# QORTI   TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**(President)**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 28 ta' Jannar, 2021.**

**Numru 8**

**Rikors numru 4/2019/2 JPG**

**Chantelle Testa**

**v.**

**Shaun Cacopardo**

**Il-Qorti:**

1. Il-konvenut appella minn sentenza preliminari tal-5 ta' Ġunju 2019 li biha l-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) ċaħdet l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut li l-attriċi ppreżentat il-kawża *fuori termine* peress li kienet preżentata wara l-perjodu ta' xahrejn li fih kellha ssir il-kawża skont l-Artikolu 11(1) tal-Avviż Legali 397/2003 (Leġislazzjoni Sussidjarja 12.20).

2. Il-fatt li wasslu għal dan l-appell huma:

i. B'ittra preżentata fl-20 ta' Settembru 2017 l-attriċi talbet lir-Reġistratur sabiex jappunta medjatur minħabba diffikultajiet li nqalgħu mal-konvenut b'riferenza għat-tifla li twieldet fit-18 ta' Frar 2017.

ii. Fit-22 ta' Awwissu 2018 il-konvenut ippreżenta rikors fl-atti tal-medjazzjoni u li bih talab lill-ewwel Qorti sabiex tvarja d-digriet li kien ingħata fl-4 ta' Ottubru 2017 u tissostitwih b'digriet li bih jingħata iktar aċċess għal bintu.

iii. Il-Qorti appuntat ir-rikors għas-smigħ għas-seduta tal-31 ta' Ottubru 2018 u dakinhar tat digriet li bih għalqet il-medjazzjoni u awtorizzat lill-partijiet sabiex jipproċedu bil-kawża fit-terminu skont il-liġi, kif ukoll li d-digriet dwar l-aċċess li ngħata fl-4 ta' Ottubru 2017 kellu jibqa' fis-seħħ bejn il-partijiet.

iv. B'nota preżentata fis-27 ta' Novembru 2018 il-medjatur iddikjara li wara tliet seduti, kien jidher li l-partijiet m'humiex ser jaslu għal ftehim u għalhekk il-medjazzjoni għandha tingħalaq. Skont l-istess nota s-seduti saru fit-12 ta' Frar 2017, 16 ta' Jannar 2018 u 20 ta' Frar 2018.

v. B'digriet mogħti fil-11 ta' Diċembru 2018 il-Qorti ddikjarat il-medjazzjoni magħluqa u awtorizzat lill-partijiet sabiex jipproċedu b'kawża fit-termini imposti mil-liġi.

vi. Fl-4 ta' Jannar 2019 l-attriċi ppreżentat kawża sabiex tingħata l-kura u kustodja tat-tifla li twieldet fit-18 ta' Frar 2017 mir-relazzjoni li kellha mal-konvenut; tiffissa aċċess għat-tifla favur il-konvenut; tiffissa manteniment li għandu jitħallas mill-konvenut li jkun jinkludi l-ħtiġijiet mediċi u edukattivi tat-tifla; u li l-attriċi tirċievi kull għajnuna li tingħata mill-Istat għall-bżonnijiet tat-tifla.

3. Il-konsiderazzjonijiet li wasslu lill-ewwel qorti sabiex tiċħad l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut, kienu:

*"Il-Qorti rat illi fil-proceduri ta' bejn il-partijiet sehhet irregolarita, fis-sens illi jidher li hemm zewg digriet li ordnaw l-eghluq tal-medjazzjoni ta' bejn il-partijiet u awtorizzawhom li jipprocedu permezz ta' kawza. L-ewwel wiehed minn dawn id-digriet kien inghata seduta stante minn din il-Qorti diversament presjeduta, waqt li kien qed jigi trattat ir-rikors numru 1351/2017/3, kif jidher mill-verbal tal-31 t'Ottubru 2018.*

*"B'dan id-digriet pero' qatt ma kien gie kkomunikat lir-Registratur jew lil Medjatur. Filfatt, il-Medjatur, li baqa' ma giex informat li din il-Qorti diversament presjeduta kienet ordnat l-eghluq tal-medjazzjoni fit-31 t'Ottubru 2018, kien irrediga nota fis-27 ta' Novembru 2018 permezz ta' liema informa lil din il-Qorti illi l-partijiet ma lahqux ftehim. In vista ta' din in-nota, din il- Qorti kif preseduta kienet iddikjarat il-medjazzjoni tal-partijiet maghluqa, u awtorizzatahom sabiex jipprocedu b'kawza, permezz tad-digriet taghha tal-11 ta' Dicembru 2018.*

*"In vista ta' dan kollu, il-Qorti ivverifikat mar-registru elettroniku tal-Qorti sabiex tistabilixxi meta din il-medjazzjoni giet effettivament maghluqa. Minn din il-verifika, irrizulta lil Qorti illi din il-medjazzjoni giet maghulqa* ***ufficjalment fil-11 ta' Dicembru 2018****. Illi ghalhekk, fil- fehma konsiderata tal-Qorti, it-terminu ta' xahrejn previst mill-ligi beda jidekorri*

> *mill-11 ta' Diċembru 2018, u mhux mit-30 t'Ottubru 2019. Minn dan isegwi illi l-eccezzjoni preliminari tal-intimat hija nfondata".*

4. B'rikors preżentat fit-12 ta' Diċembru 2019 il-konvenut appella mis-sentenza bl-ilment ikun li l-kawża kellha ssir fi żmien xahrejn mill-31 ta' Ottubru 2018, ċioe` id-data li ngħata d-digriet li bih l-ewwel Qorti ddikjarat magħluqa l-medjazzjoni. Spjega:

> *"Illi l-appellanti umilment jirrileva illi d-digriet mogħti mill-Ewwel Onorabbli Qorti diversament presjeduta tal-31 ta' Ottubru 2018 huwa l-mument meta uffiċjalment il-medjazzjoni ġiet magħluqa u l-partijiet ġew uffiċjalment awtorizzati jipproċedu bil-kawża għaliex minn dak li kellha quddiemha, il-Qorti rat li l-partijiet ma setgħu qatt jaslu għal ftehim u ma kellhiex bżonn illi wara li kkonstat dan hi stess, tistenna illi l-medjatur jerġa' jinfurmaha bin-nuqqas ta' ftehim. Għaldaqstant it-terminu ta' xahrejn bed uffiċjalment jiddekorri proprju mill-31 ta' Ottubru 2018, mill-mument illi l-Ewwel Onorabbli Qorti tat l-awtorizazzjoni suprema u uffiċjali tagħha għall-proċeduri opportuni, li jkun ifisser illi ir-rikorrenti appellata intavolat il-kawża tagħha bin-numru 4/2019 fuori termin fl-4 ta' Jannar 2019, oltre x-xahrejn imposti mil-liġi, u mingħajr ma intalbet xi estensjoni ta' dak l-istess terminu għal raġuni gravi skont ir-Regolament 11 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 12.20, u għaldaqstant tali kawża hija nulla".*

5. Minħabba n-natura tal-kwistjoni qabel l-attriċi tippreżenta l-kawża, kellha ssir medjazzjoni (regolament 10 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 12.20). Imbagħad skont regolament 11(1):

> *"Kif il-medjatur jinforma lill-Qorti li l-partijiet ma waslux għal ftehim wara l-proċess tal-medjazzjoni taħt ir-regolamenti preċedenti, hija għandha tawtorizza lill-partijiet jibdew il-proċeduri fi żmien xahrejn jew dak il-perjodu itwal li jista' jiġi mogħti għal raġuni gravi".*

6. Il-Qorti tibda billi tosserva li d-digriet tal-31 ta' Ottubru 2018 suppost kellu jiddetermina t-talba li saret mill-konvenut bir-rikors tat-22 ta' Awwissu 2018, li bih il-konvenut talab li jingħata iktar ħin ta' aċċess għal

bintu. F'dak ir-rikors ma saritx talba sabiex il-Qorti tiddikjara l-medjazzjoni magħluqa. Inoltre, sa dakinhar il-medjatur kien għadu m'għarrafx lill-Qorti li l-laqgħat kienu spiċċaw u li l-partijiet baqgħu ma waslux għal ftehim, kif irid r-regolament 11(1) qabel tingħalaq il-medjazzjoni.

7. Kien biss bin-nota tas-27 ta' Novembru 2018 li l-medjatur għarraf lill-Qorti li l-partijiet ma waslux għal ftehim, u fil-fatt fil-11 ta' Diċembru 2018 ingħata d-digriet li bih il-partijiet kienu awtorizzati *"jipproċedu b'kawża u dan fit-termini imposti mil-liġi"*. Digriet li hu konformi ma' dak li jrid regolament 11(1) u qatt ma tħassar. Il-fatt li ngħata d-digriet tal-31 ta' Ottubru 2018 ma jfissirx li d-digriet tal-11 ta' Diċembru 2018 qisu qatt ma ngħata.

8. Fit-tweġiba l-attriċi għamlet riferenza għal sentenza ta' din il-Qorti fil-kawża <u>Gauci v. Gauci</u> tal-31 ta' Jannar 2019, fejn l-attur ippreżenta l-kawża wara li kienu skadew ix-xahrejn u l-konvenuta tat l-eċċezzjoni li l-azzjoni hi nulla. F'dak il-każ din il-Qorti ddeċidiet:

> *"Fil-kaz **AB v. CB (Rik Nru 501/07NC) deciz fis-7 ta' Dicembru 2010**, fejn l-attur naqas li jirrikorri ghall-medjazzjoni, il-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) kienet iddecidiet hekk;*
>
> > *"Ghaldaqstant l-argument formanti l-bazi ta' l-ewwel eccezzjoni huwa legalment validu fis-sens li l-medjazzjoni li saret u l-awtorizzazzjoni li nghatat, saru u nghataw biss limitatament ghall-kwisjoni ta' l-access, u ghalhekk ma jkoprux il-problemi formanti parti mit-talbiet ta' l-attur, bil-konsegwenza li fuq dawn il-problemi ma saritx medjazzjoni, u ghalhekk*

> *l-attur meta pprezenta l-kawza odjerna agixxa barra t-termini legali mfassla fl-imsemmi Avviz Legali.*
>
> *"Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa' l-ewwel eccezzjoni fis-sens li tiddikjara li l-attur istitwixxa l-proceduri odjerni minghajr l-awtorizzazzjoni skond il-ligi; u ghalhekk, filwaqt li f'dan l-istadju, tissospendi l-proceduri odjerni, tordna li, fi zmien ghaxart ijiem il-parti tistitwixxi proceduri ta' medjazzjoni godda biex jigu diskussi skond il-ligi l-kwistjonijiet formanti l-bazi tat-talbiet ta' l-attur".*

*"Il-Qorti jidrilha li dan il-principju ghandu jkun aktar applikabbli ghall-kaz bhal dak odjern fejn kull ma kien jonqos kien li l-appellant jottjeni minghand il-Qorti kompetenti l-awtorizzazzjoni biex il-kawza jistitwiha* ***wara*** *x-xahrejn imsemmija mil-ligi. Dan anke ghaliex, kif issottometta l-appellant, in-nullita` trid tkun dikjarata espressament mil-ligi (Artiklu 789 tal-Kap. 12) u l-appellata ma sofriet ebda pregudizzju minn dan in-nuqqas procedurali tal-appellant."*

9. F'dak il-każ il-Qorti bagħtet l-atti lura quddiem l-ewwel Qorti sabiex tagħti d-digriet ta' awtorizazzjoni.

10. Pero` fil-każ tal-lum l-attriċi ppreżentat il-kawża fl-4 ta' Jannar 2019, ċioe` entro x-xahrejn mid-digriet tal-11 ta' Diċembru 2018. Magħmula dawn il-konsiderazzjonijiet l-ilment tal-konvenut hu mingħajr bażi.

Għal dawn il-motivi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza tal-ewwel Qorti, bl-ispejjeż kontra l-konvenut.

Tordna lir-Reġistratur sabiex jibgħat l-atti lura lill-ewwel Qorti sabiex tissokta bis-smigħ tal-kawża.

Giannino Caruana Demajo
President

Tonio Mallia
Imħallef

Anthony Ellul
Imħallef

Deputat Reġistratur
gr